**FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH CASSAR BA. LL.D.**

**Illum, 25 ta' Settembru 2001**

**Rikors Nru: 20/01B**

**Carmelo u Theresa konjugi Camilleri**

**Vs**

**Joseph u Rita konjugi Spiteri**

Il-Bord,

Ra r-rikors li jghid li:

Illi in forza ta’ skrittura datata 28 ta’ Novembru 1976 (kopja annessa) l-esponenti jikru lill-intimati r-razzett maghruf bl-isem Providence Pig Farm fil-limiti tas-Siggiewi versu l-kera ta’ tliet mija u hamsa u sittin lira Maltija (Lm365) fis-sena, l-ahhar skadenza ghalqet fl-1 ta’ Dicembru 2000;

Illi l-intimati kissru l-kondizzjonijiet lokatizji billi ma hadux hsieb tal-proprjeta’ lokata lilhom;

Illi inoltre l-intimati biddlu l-uzu tar-razzett jew ta’ partijiet minnu billi qed irabbu fuq is-sit lokat diversi klieb, inkluzi dawk tal-glied, u dan kontra l-permessi vigenti u l- ligi;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett sabiex dan il-Bord joghgbu, ghar-ragunijiet premessi, jawtorizzahom jirriprendu pussess tal-fond lokat lill-intimati billi jipprefiggilhom terminu qasir u perentorju ghall-izgumbrament taghhom minnu.

Bl-ispejjez.

Ra r-risposta fejn gie preliminarjament eccepiet illi l-Bord hu kompetenti " stante li non si tratta ta' fond urban imma ta' razzett u art madwaru li jaqghu taht il-kompetenza tal-Bord li Jirregola t-tigdid tal-Kera tar-Raba."

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti

Ra l-verbal

Sema t-trattazzjoni ta' l-avukati

Ikkunsidra,

1. Bi skrittura tat- 28 ta' Novembru 1976 r-rikorrent kera lill-intimat parti mill-proprjeta' maghrufa bhala 'Ta' Lanza' jew 'Tal-Providenza' fit-truf tas-Siggiewi "li tikkonsisti f' Pig Farm b' sebgha u ghoxrin 'pen' komplut u attrezzat bir-railings, ilma etc., kif ukoll kamra ukoll bi dritt ta' covetta tal-maingate u bi dritt ta' passagg anki bi truck minn passagg intern f' din il-proprjeta'….."

2. Skond il-kawzola 10 tal-ftehim "il-farm ghandu jintuza minn Joseph Spiteri ghat-trobbija ta' l-annimali." Il-Bord ma ghandu l-ebda xhieda ohra quddiemu.

3. Issir referenza ghas-sentenza moghtija mil-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re 'Cutajar vs Buttigieg (19/6/89) fejn intqal:

"Din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-23 ta' Novembru 1983 in re 'Borg vs Muscat'…….kienet ir-ribadiet li l-ligi…..tiddefinixxi 'hanut' bhala fond, fost hwejjeg ohra "principalment uzat ghal 'arti' jew 'sengha'. Inoltre fuq l-iskorta ta' gurispridenza antecedenti (vide Grech vs Cortis, Koll. Vol XLIV-1-145) il-kliem 'art or trade' u l-kliem 'arti jew mestjir' specjalment konbinati flimkien, fil-kuntest tad-definizzjoni bhal dik in ezami ghandhom fihom tifsir wiesgha li ghandu jircievi l-applikazzjoni tieghu. F' dak il-kaz din il-Qorti kienet iddecidiet li una volta li l-intimat jinnegozja fit-tjur, bajd u animali ohra, stabbilit ukoll li huwa juza

l-fond in ezami biex izomm fih dawk it-tjur, bajd u annimali li jiffurmaw l-oggetti tan-negozju tieghu, l-istess fond kien protett mill-ligi bhala hanut…..

Issa f' dan ir-rigward jigi osservat li l-ewwel darba li l-Bord kien ippronunzja ruhhu fuq kontenzjoni simili kien fil-kaz 'Xuereb vs Parnis', deciz fil-5 ta' Awissu 1938 fejn gie deciz li razzett fejn bhejjem jitrabbew u jinbieghu hu hanut. Dak iz-zmien din is-sentenza ma kinetx appellabbli. Pero' sussegwentement din il-Qorti fis-sentenzi taghha u in re 'Sultana vs Sammut' tal-20 ta' April 1949. 'Tonna vs Portelli' tal- 10 ta' Dicembru 1951 u 'Bugeja vs Falzon' tat-2 ta' Mejju 1956 kienet irriteniet li post fejn l-inkwilin izomm numru konsiderevoli (sottolinear tal-Qorti ta' l-Appell) ta' annimali li jservu l-ezercizzju tal-industrija tieghu, bhal ma huma il-moghoz u l-baqar huma protett mill-ligi bhala fond kummercjali."

4. Illi skond l-iskrittura l-'farm' hu wiehed kbir attrezzat ghat-trobbija ta' l-annimali. Importanti l-intenzjoni tal-partijiet meta saret il-kitba – fond uzat ghat-trobbija ta' l-annimali u ghalhekk fond kummercajli.

Ghalhekk il-Bord jichad l-eccezzjoni ta' l-intimati, jiddikjara ruhhu kompetenti u jiddiferixxi r-rikors ghall-kontinwazzjoni ghas-6 ta' Novembru fl-10.00am., l-ispejjez jithallsu mill-intimati.

Dep.Reg Magistrat